32006R0898

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 898/2006

tad-19 ta' Ġunju 2006

li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 51/2006 fir-rigward tal-limiti tal-qbid u l-limitazzjoni ta' l-isforzi tas-sajd fuq is-sajd għaċ-ċiċċirell [sallur] fiż-żoni ICES IIa (ibħra tal-KE), IIIa u IV (ibħra tal-KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 51/2006 tat-22 ta' Diċembru 2005 li jistabbilixxi għall-2006 l-opportunitajiet ta' sajd u l-kundizzjonijiet marbuta ma' ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut, applikabbli fl-ibħra tal-Komunità u, għall-bastimenti tal-Komunità, fl-ibħra fejn huma meħtieġa limitazzjonijiet tal-qbid [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) u l-Artikolu 7(4) tiegħu;

Billi:

(1) Limiti tal-qbid u limitazzjonijiet fuq l-isforz tas-sajd għaċ-ċiċċirell fiż-żoni ICES IIa (ibħra tal-KE), IIIa u IV (ibħra tal-KE) huma proviżorjament stipulati fl-Annessi IA u IID tar-Regolament (KE) Nru 51/2006.

(2) Skond il-punt 6 ta' l-Anness IID tar-Regolament (KE) Nru 51/2006, il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-limiti tal-qbid u l-limitazzjonijiet ta' l-isforz tas-sajd għall-2006 abbażi tal-pariri mill-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF) dwar id-daqs tal-kategorija tas-sena 2005 taċ-ċiċċirell tal-Baħar tat-Tramuntana. Fejn l-STECF tistima d-daqs tal-klassi tas-sena 2005 taċ-ċiċċirell tal-Baħar tat-Tramuntan għal bejn 300 000 miljun u 500 000 miljun individwu jew aktar fl-eta ta' 0, in-numru ta' jiem-kilowatt m'għandux jaqbeż il-livell fl-2003 ikkalkulat bħala t-total ta' jiem-kilowatt għal kull sena u l-qabdiet totali permissibbli (TAC) għall-2006 għandhom jiġu ffissati għal 300 000 tunnellata. It-total ta' jiem-kilowatt għal kull sena huma kkalkulati bħala l-prodott tan-numru ta' jiem preżenti f'żona u l-qawwa tal-magni installati f'kilowatt.

(3) L-STECF stmat id-daqs tal-klassi tas-sena 2005 għal mhux inqas minn 324 000 miljun individwu fl-eta 0.

(4) Ir-Regolament (KE) Nru 51/2006 għandu għaldaqstant jiġi emendat skond dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 51/2006 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Anness IA huwa emendat skond l-Anness ta' dan ir-Regolament.

(2) Fl-Anness IID, il-punt 5 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"5. Kull Stat Membru għandu jiżgura li n-numru ta' kilowatt-jiem fl-2006 għal bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom, jew irreġistrati fil-Komunità, ma jaqbżux il-livell ta' l-2003 kif ikkalkulat f'punt 4(a)."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 19 ta'Ġunju 2006.

Għall-Kummissjoni
Joe BORG
Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 16, 20.1.2006, p. 1.

ANNESS

L-Anness IA mar-Regolament (KE) Nru 51/2006 huwa emendat kif ġej:

Il-partita dwar l-ispeċi ċiċċirell fiż-żona IIa, (ibħra tal-KE) u IIIa, IV (ibħra tal-KE) tinbidel b'li ġej:

Speċi:	Ċiċċirella *Ammodytidae*	**Żona:** IIa (ibħra tal-KE) (1), IIIa, IV (ibħra tal-KE) (1) SAN/2A3A4
"Id-Danimarka	282 989	
Ir-Renju Unit	6 186	TAC analitiku japplika l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96. japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96. japplika l-Artikolu 5(2) tar-Regolamenti (KEE) Nru. 847/96.
L-Istati Membri kollha	10 825 (2)	
KE	300 000	
in-Norveġja	0 (3) (4)	
TAC	300 000	

(1) Minbarra l-ibħra f'distanza ta' 6 mili mil-linji ta' bażi tar-Renju Unit fl-inħawi ta' Shetland, Fair Isle u Foula.
(2) Minbarra d-Denmark u r-Renju Unit.
(3) Biex jinqabad fil-Baħar tat-Tramuntana.
(4) Soġġett għar-reviżjoni matul l-2006."